MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 464/2008/1

**Joanna Grech**

**vs**

**Maria Grech**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta' Frar, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal,
>
> Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta' Gunju 2008 fejn gie premess illi l-esponenti hija propjetarja tal-garage bl-isem 'Carmel Garage' li jinsab fi Triq Alexandra, Qormi; illi l-imsemmi garage kien mikri lis-socjeta` General Soft Drinks Company Limited matul il-perijodu li jinkludi Frar sa Dicembru tas-sena 2007; illi l-konvenuta rceviet

il-kera fir-rigward ta’ l-imsemmi garage minghand l-inkwilin ghall-imsemmi perijodu, liema kera tammonta ghal €2,189.61; illi din is-somma ghandha tigi mhallsa lill-esponenti; ghaldaqstant l-esponenti titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jordna lill-konvenuta thallas lilha s-somma ta’ elfejn, mija u disgha u tmenin Euro u wiehed u sittin centezmu (€2189.61) u dan taht kwalsiasi provvediment li lilha jidrilha xieraq u opportun. Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenuta pprezentata fl-14 ta’ Lulju 2008 fejn gie eccepit illi (1) l-pretensjoni attrici hija fattwalment u legalment insostenibbli u ghaldaqstant ghandha tkun michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`; (2) waqt it-trattazzjoni tal-kawza, ghandu jirrizulta ampjament li, riferibbilment ghall-perijodu ta’ bejn Frar u Dicembru 2007, l-attrici ma kellha ebda dritt tithallas kera ghall-garage bl-isem “Carmel”, Triq Alexandra, Qormi; (3) ghall-fond de quo, General Soft Drinks Company Limited kienet thallas bis-sena bil-quddiem. Il-kera ghall-iskadenza precedenti d-data li fiha l-attrici saret propjetarja tal-garage de quo thallas lill-eccipjenti li kellha kull dritt tircevih ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi; (4) il-fatt li l-attrici saret propjetarja tal-garage wara li l-eccipjenti kienet diga` rceviet il-kera ghal dik l-iskadenza partikolari ma jaghtix lill-attrici dritt [kif tippretendi hi] ghal rifuzjoni ta’ parti minn dik il-kera ghaz-zmien ta’ bejn meta saret propjetarja tal-fond sad-data li fiha ghalqet l-iskadenza in kwistjoni; (5) salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Ra n-**Nota** ta’ l-attrici pprezentata waqt is-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha esebiet numru ta’ dokumenti.

Ra l-**verbal** tas-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2008 li fiha d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw illi dwar il-

fatti huma qeghdin jaqblu li primarjament il-konvenuta Maria Grech irceviet il-hlas tal-kera meta kien hekk dovut lilha u cioe` fl-iskadenza li ghalqet fit-2 ta' Dicembru 2006 u liema skadenza ta' sena kienet taghlaq fit-2 ta' Dicembru 2007. Jaqblu wkoll illi l-ammont hu ta' Lm1,300 (illum Euro 3028.19). Jaqblu wkoll illi l-attrici akkwistat l-propjeta` fit-3 ta' Frar 2007, u ghaldaqstant fil-mori tal-iskadenza li kienet giet imhallsa l-konvenuta. Il-partijiet jaqblu wkoll illi l-vertenza ta' bejniethom hija jekk l-attrici hiex intitolata ghar-rifuzjoni da parti tal-konvenuta lill-istess attrici s-somma ekwivalenti l-kera mit-3 ta' Frar 2007 sat-3 ta' Dicembru 2007.

Ra n-**nota ta' referenza** ta' l-attrici li fiha, fost ohrajn, ikkwotat l-Artiklu 335 tal-Kodici Civili li jghid li jaqra hekk –

*Il-frottijiet civili jitqiesu miksuba gurnata b'gurnata, u jmissu lill-uzufruttwarju skond ma jkun iz-zmien ta' l-uzufrutt tieghu.*

Hija taghmel ukoll referenza ghan-noti tal-**Professur V. Caruana Galizia**, fin-noti tieghu *Law of Things*, fejn fost affarijiet ohra tikkwota s-segwenti:

*"Besides being periodical they are also divisible because they are to be paid at so much per item by agreement. Thus, the annual rent of £120 is divisible not only in 12 equal parts for each month of the year, but also in 365 parts for every day of the year. They can therefore be assessed 'dietim' and are considered to be acquired in this way. The assessment between the usufructuary and owner is made in proportion to the number of days. If after the commencement of the usufruct, the usufructuary acquires a civil fruit paid in arrears for the term running at the time when the usufruct commences, he will not keep the entire sum but will have to reimburse the owner his share."*

Hija tikkwota wkoll il-**Pacifici Mazzoni** fl-opra tieghu *Il Codice Civile Italiano commentato con la legge romana, le sentenza dei dottori e la giurisprudenza* u l-*Baudry-Lacantinerie* fl-opra tieghu *Trattato Teorico Practico di Diritto Civile.*

Fl-ahharnett l-attrici tikkwota s-sentenza ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Cutajar vs Mario Blackman** deciza fil-11.01.1954 fejn il-Qorti, fost ohrajn, irriteniet illi:

*“Imma l-frutti civili jigu konteggjati “dietim” u r-retrattarju ma jistax izomm dawk il-frutti li jiskadu wara li jkun gie notifikat bic-cedola tal-irkupru u depozitu. Ghaldaqstant ir-rigal ghandu jigi ripartit ‘dietim’ skond id-durata tal-lokazzjoni li in konsiderazzjoni taghha jkun thallas dak ir-rigal.”*

Sema` t-trattazzjoni tal-partijiet waqt is-seduta tal-1 ta’ Dicembru 2008.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra :

Illi mal-mewt tar-ragel tal-konvenuta, certu Carmelo Grech, l-istess konvenuta akkwistat *causa mortis* b’legat l-uzu u l-uzufrutt generali ta’ tlett kwarti (3/4) indivizi mill-wirt tieghu, u l-piena proprjeta` tal-kwart (1/4) indiviz tal-wirt tieghu. Mill-kuntratt causa mortis (DOK JG2) jirrizulta illi fost l-assi tal-imsemmi Carmelo Grech, kien hemm Carmel Garage, fi Triq Alexandra, Hal Qormi.

Illi fit-3 ta’ Frar 2007, sar kuntratt ta’ divizjoni (DOK JG 3) u gie dikjarat u maqbul ukoll bejn il-kontendenti f’din il-kawza illi anke il-garage hawn fuq msemmi, kien jappartjeni wara l-mewt ta’ l-imsemmi Carmelo Grech, in kwantu ghal hames ottavi (5/8) in piena proprjeta` lill-hawnekk konvenuta Maria Grech u tlett ottavi (3/8) in piena

proprjeta` bejn l-ahwa George, Saviour, Lawrence, Grace Zerafa u l-hawnekk attrici Joanna Grech. Gie ukoll dikjarat illi l-hawnekk konvenuta Maria Grech kellha l-uzufrutt fuq appuntu dawk it-tlett ottavi (3/8) partijiet indivizi.

Illi f'dan l-istess kuntratt u allura b'effett mid-data tat-3 ta' Frar 2007, il-garage "Carmel Garage" gie assenjat lill-hawnekk attrici Joanna Grech.

B'dan il-kuntratt, il-partijiet li hadu sehem f'dik id-divizjoni imma ukoll l-attrici, iddikjarat illi hija kienet "*pienament sodisfatta b'dik id-divizjoni*", filwaqt illi l-hawnekk konvenuta Maria Grech iddikjarat ukoll li kienet qed tirrinunzja definittivament u bl-aktar mod assolut ghal kull dritt ta' uzu u uzufrutt li hija kienet wirtet min ghand zewggha Carmelo in kwantu jolqot il-garagijiet divizi b'dak il-kuntratt, bil-konsegwenza illi minn dak in-nhar tal-kuntratt il-quddiem, dawk il-garaxijiet, (allura anke dak assenjat lill-attrici Joanna Grech u mertu ta' din il-kawza), ghandhom jitqiesu bhala hielsa minn kull dritt ta' uzu u uzufrutt tal-komparenti Maria Grech.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi hemm qbil illi l-kera mhallsa fuq il-garage assenjat lill-attrici fit-3 ta' Frar 2007 kienet ta' Euro 3028.19 (gja Lm1300) ghall-perjopdu ta' sena u thallas mit-2 ta' Dicembru 2006 sabiex ikopri l-perjodu sal-1 ta' Dicembru 2007 lill-konvenuta Maria Grech (DOK JG4).

Illi mhux disputat illi meta l-konvenuta rceviet il-kera msemmija ghall-perjodu msemmi, hija kienet effettivament intitolata ghaliha – (vide verbal 15.10.2008). Bl-istess verbal, il-partijiet jaqqblu ukoll illi l-vertenza tirrigwarda "*jekk l-attrici hix intitolata ghar-rifuzjoni da parti tal-konvenuta da parti tal-konvenuta lill-istess attrici s-somma ekwivalenti l-kera mit-3 ta' Frar 2007 sat-3 ta' Dicembru 2007*".

It-Tribunal irid qabel xejn jissindika, jistabilixxi u jiddeciedi dwar jekk l-attrici hix intitolata ghar-rifuzjoni jew le ta’ parti mill-kera li rceviet il-konvenuta f’Dicembru 2006. Filwaqt illi l-konvenuta tghid u tecepixxi illi hija kienet intitolata tigbor il-kera bil-quddiem ghas-sena shiha – dan mhux kontest, - b’dana kollu l-Artikolu 335 tal-KAP 16 jghid car u espressament illi l-frottijiet civili jmissu lill-uzufruttwarju skond ma jkun iz-zmien ta’ l-uzufrutt tieghu.

Sa hawnhekk ghalhekk ifisser, u t-Tribunal ihoss, illi l-konvenuta kellha kull dritt illi tigbor il-kera ta’ sena kif minnha ecceppit, ghax fuq kollox hekk kienet obbligata taghmel, izda minn naha l-ohra ghandha dritt illi tgawdi biss sakemm kien iz-zmien ta’ l-uzufrutt taghha – u allura sat-3 ta’ Frar tas-sena 2007.

Din il-posizzjoni mibnija fuq id-dispozizzjoni tal-ligi hawn fuq citata issib konfort ulterjuri, jekk qatt kien hemm bzonn, fil-kuntratt stess maghmul fit-3 ta’ Frar 2007 (DOK JG 3) meta l-istess konvenuta “*irrinunzjat definittivament u bl-aktar mod irrevokabbli ghal kull dritt ta’ uzu u uzufrutt li hija wirtet minn ghand zewggha Carmelo ……… bil-konsegwenza li **mill-llum il-quddiem**[1] dawn il-garaxxijiet ghandhom jitqiesu bhala hielsa minn kull dritt ta’ uzu u uzufrutt tal-komparenti Maria Grech*”.

Illi ghalhekk, filwaqt illi kien ikun forsi desiderabili li kieku l-kuntratt kien jistipula ukoll appuntu r-rifuzjoni sabiex jkun evitat kull dizgwid, dan ma sarx u b’hekk il-partijiet jinsabu hawnhekk. Pero` ghax klawsola bhal dik mhix nkluza, b’daqsekk ma jfissirx illi ma hemmx l-obbligu tar-rifuzjoni, bbazat fuq dak dikjarat, fuq dak hawn fuq kkwotat u fuq il-provvediment tal-ligi hawn fuq citat.

---

[1] Emfasi tat-Tribunal

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi jrid jittiehed kont illi l-konvenuta, minn dan il-garage, kellha in piena proprjeta` hames ottavi (5/8), filwaqt illi kellha l-uzufrutt fuq ir-rimanenti tlett ottavi (3/8) proprjeta` tal-werrieta ta' Carmelo Grech. Hekk kienet is-sitwazzjoni meta l-konvenuta gabbret il-kera minn ghand General SoftDrinks fit-2 ta' Dicembru 2006.

Illi dan ifisser illi meta l-konvenuta gabbret Euro 3028.19, minn dawn, Euro1892.62 (5/8) gabbrithom u rcevithom fil-kapacita` taghha ta' sid u l-argumenti u r-ragunament hawn fuq maghmul u applikabbli ghall-parti ta' l-uzufrutt mhix applikabbli ghal din is-somma hekk likwidata, rappresentanti s-sehem taghha mill-kera in kwantu propretarja in parti (5/8) tal-proprjeta mikrija. Illi din is-somma ghalhekk ma setghet qatt tirrinunzja ghaliha fuq il-kuntratt u t-temm tal-uzufrutt – bid-dritt allura ghar-rifuzjoni a favur l-attrici – peress illi dik is-somma hekk likwidata l-konvenuta ma rcevitiex qua uzufruttwarja izda qua sid. Bir-rizultat illi dak jibqa` taghha u zzommha hi.

Jifdal ghalhekk Euro1135.57 (3/8) li jirrappresentaw sena kera migbura u rappresentanti s-sehem tal-konvenuta qua uzufruttwarja fil-mument li rceviethom. Ta' xahrejn minnhom (2 ta' Dicembru 2006 sa 3 ta' Frar 2007), it-Tribunal jinnota illi dawn ukoll intitolata zzommhom peress illi kien il-perjodu li fih hija gawdiet l-uzufrutt, u ghalhekk iridu jitnaqqsu Euro189.26, (1135.57 divizi bi 12 il-xahar u r-rizultat multiplikat ghal xaghrejn), sabiex is-somma li ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati trid tigi rifuza mill-konvenuta lill-attrici ai termini tat-talba kontenuta fl-Avviz, hija dik ta' Euro 946.31.

Ghaldaqstant, wara illi qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li ra d-dokumenti kollha esebiti u

> kkunsidra l-atti kollha, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati, jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt illi jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, jilqa` *in parte* it-talba attrici, u dan limitatament fis-somma ta' disa` mija u sitta u erbghin Euro u wiehed u tletin centezmu (Euro 946.31).
>
> Bl-imghax fuq is-somma hekk likwidata bhala dovuta mill-konvenuta li jibda jiddekkorri mill-llum u bl-ispejjes tal-kawza, li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz illi l-kontendenti huma omm u bint, inkluz ukoll il-materja delikata tal-kaz, u inkluz il-fatt illi mis-somma riklamata fl-Avviz, giet milqugha biss ftit anqas minn nofs, li ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**"**

L-attrici appellat minn din is-sentenza b'aggravju prettament legali. Hi tikkontendi illi t-Tribunal ghamel apprezzament erroneju tal-principju legali meta illimita l-principju ghal konsegwiment tal-frutti civili jum b'jum solament ghal min jippercepixxi dawn il-frutti *qua* uzufruttwarji;

Il-fatti li taw lok ghal kawza huma kif gej. Lill-attrici ppervena mill-att ta' divizjoni tat-3 ta' Frar, 2007, atti Nutar Nicholas Vella, il-*garage* bl-isem "Carmel", Triq Alexandra, Qormi. Dan il-*garage* kien mikri lis-socjeta` General Soft Drinks Company Limited. L-iskadenza tal-kera tieghu, li ghalqet fit-2 ta' Dicembru, 2006, ircevietha l-konvenuta. Din kellha mis-successjoni ta' zewgha tliet kwarti indivizi tal-fond, *qua* uzufruttwarja, u kwart indiviz bi pjena proprjeta`. Gjaladarba wkoll hi kellha bi dritt in-nofs indiviz tieghu, *qua* sehmha mill-komunjoni ta' l-akkwisti, hi gie li kellha b'kollox hames ottavi (5/8) partijiet indivizi bi proprjeta` u tliet ottavi (3/8) partijiet indivizi in uzufrutt. Ara l-kuntratt relattiv tal-qasma a fol. 20;

Premessi dawn il-fatti, il-kwestjoni principali hawn involuta hi dik jekk, kif pretiz mill-attrici, il-konvenuta ghandhiex

tirrestitwixxi lill-attrici l-import tal-kera gja precedentement ricevut minnha, u dan relattivament mid-data ta' l-akkwist bid-divizjoni tal-*garage de quo* skond il-predett kuntratt tat-3 ta' Frar, 2007;

Skond l-appellanti mill-mument ta' l-assenjazzjoni b'dik id-divizjoni hi kienet intitolata, *qua* proprjetarja assoluta, tiehu l-fruttijiet civili tal-*garage*. Targomenta allura, fil-kontestazzjoni tas-sentenza appellata, illi ma jaghmel ebda sens guridiku illi l-konvenuta tithalla zzomm dik il-parti tal-kera ghall-perijodu sussegwenti t-3 ta' Frar, 2007 sempliciment ghaliex il-kera inzerta thallas bil-quddiem (2 ta' Dicembru 2006). Biex issostni dan l-argoment taghha l-appellanti tirrikorri ghad-dispost ta' l-Artikolu 335 tal-Kodici Civili u ghall-insenjament ta' l-awturi, fosthom il-**Baudry Lacantinerie** ("**Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile**", Dei Beni, para 290) u l-**Pacifici Mazzoni** ("**Il Codice Civile Italiano**", Vol. XII para 171). Proprju minn dan l-ahhar awtur tislet il-kumment illi "*quanto al riparto dei frutti civili, maturandosi giorno in giorno, apparterranno al compratore e al venditore pro rata temporis; cosi, fatta la vendita di un fondo affitato al quinto mese, il fitto annuale apparterra` per cinque dodicesimi al venditore, e per gli altri sette dodicesimi al compratore*";

L-Artikolu 335 precitat tal-Kodici Civili jiddisponi illi "<u>l-frottijiet civili jitqiesu miksuba gurnata b'gurnata, u jmissu lill-uzufruttwarju skond ma jkun iz-zmien ta' l-uzufrutt tieghu</u>". Jinghad imbaghad fis-subinciz (3) ta' l-Artikolu 333 illi "huma frottijiet civili l-kera ta' beni mikrija, ic-cnus, l-imghaxijiet ta' kapitali, u r-renti ta' kull sena". Incidentalment f'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civili tal-11 ta' Jannar, 1954 fl-ismijiet "**Giuseppe Cutajar -vs- Mario Blackman**", issostni illi din l-enumerazzjoni tal-ligi Maltija fl-imsemmi dispost ma hix tassattiva izda, fuq il-hsieb tal-kummentaturi tal-Kodici Franciz u dak Taljan, biss ezemplikativa;

Koncettwalment, fuq il-fehma tal-Qorti, il-kreditu ghal frottijiet civili jinsorgi mill-mument u b'effett ta' koncessjoni lil haddiehor tal-godiment tal-haga. Il-maturazzjoni taghhom, intiza bhala akkrexximent progressiv jum b'jum, hi f'dan is-sens marbuta mad-durata tat-tgawdija tal-haga. L-akkwist, allura, ta' dawn l-istess fruttijiet civili maturati b'dan il-mod jissarraf fid-dritt tar-riskossjoni tal-kreditu taghhom;

Issa fl-ipotesi li jkun kostitwit uzufrutt dawk il-frottijiet civili, skond id-dispost ta' l-Artikolu 335, jispettaw lill-uzufruttwarju mill-mument stess li fih ikun kostitwit dak l-uzufrutt Hekk jinghad illi "*l'usufruttuario deve godere della cosa soggetta al suo usufrutto, e in tale diritto di godimento va compreso quello di percepire tutti gli utli e tutti i frutti della cosa soggetta al suo usufrutto e conseguire tutti i prodotti che la cosa sia capace di rendere …*" ("**Carmelo Busuttil *et* -vs- Gius. Vella *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 11 ta' Frar, 1931). Dejjem skond l-istess regoli ta' l-uzufrutt dan li nghad gie mill-Qrati taghna maghmul applikabbli fil-kaz ta' beneficcji ekklezjastici (Ara "**Michelina Dingli -vs- Can. Preposito Don Gio Batta Serra**", Prim' Awla, Qorti Civili, 8 ta' Dicembru, 1885) u patrimonju sagru (ara "**Serafino Delia -vs- Pasquale Micallef *et***", Prim' Awla, Qorti Civili, 26 ta' Marzu, 1904). Jikkonsegwi minn dan illi l-frottijiet civili (kera, interessi, *etcetra*) jikkompetu in via esklussiva lill-uzufruttwarju sa kemm idum fis-sehh l-uzufrutt;

Dan premess, jista' jaghti l-kaz, bhal ma hekk hu dan in ezami, illi tkun mehtiega r-ripartizzjoni ta' dawk l-istess frottijiet civili. Dan jigri ad ezempju fil-kaz ta' successjoni minn terz fil-godiment tal-haga f'liema eventwalita l-utili li l-haga taghti, kostitwit f'dan il-kaz minn hlas ta' kera, tkun trid tinqasam in proporzjon ghad-durata ta' l-uzufrutt fil-perijodu ta' l-iskadenza tar-rata singola tal-hlas tal-kera. Trattasi minn hlasijiet perijodici l-intervall ta' zmien interkorrenti bejn l-iskadenzi jikkostitwixxi l-perijodu produttiv tal-frottijiet;

Sa hawn jidher li t-Tribunal kien korrett fejn ikkonsidra l-ispartizzjoni bejn l-attrici u l-konvenuta fil-veste taghha ta' uzufruttwarja. Id-diskordanza tqum fejn it-Tribunal iddetermina wkoll illi gjaladarba l-konvenuta kienet ukoll proprjetarja ta' 5/8 indivizi tal-proprjeta` dak li hi rceviet fil-mument ta' l-iskadenza tal-kera f'din il-veste ghandu jinzamm minnha. Frankament, fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, b'applikazzjoni ta' dak li diga nghad fir-rigward ta' l-uzufrutt u ta' l-ispartizzjoni tal-kera, ma tarax il-ghaliex m'ghandux japplika l-hsieb issuggerit mill-Pacifici Mazzoni, aktar 'il fuq riportat, b'dan illi l-istess sistema ta' ripartizzjoni issir bejn is-sid uxxenti u dak li dahal minfloku. Dan hu wara kollox dak li sar fis-sentenza precitata in re: "**Cutajar -vs- Blackman**" (*ibid.*) fejn il-Qorti kkonteggjat *dietim* il-frutti civili u spartithom bejn il-konvenut retrattarju u l-attur retraent li rkupra l-fond. Kif sewwa rilevat mill-appellanti fuq it-taghlim tal-Pacifici Mazzoni "id-data ta' l-iskadenza tat-terminu ghall-hlas tal-frotti civili ma jikkostitwix l-akkwist ta' dak il-frott, izda biss l-ezigibilita taghhom". Ghal din il-Qorti dan jfisser li l-konvenuta kienet intitolata zzomm bi dritt dik il-parti tal-kera ricevuta minnha ghall-iskadenza tat-2 ta' Dicembru, 2006 sal-mument li bid-divizjoni l-fond ghadda fil-patrimonju ta' l-attrici u saret minnha r-rinunzja ghall-uzufrutt. L-ammont ta' dak l-istess intitolament jigi raggunt billi wiehed jiddividi b'365 s-somma globali tal-kera mhallas multiplikat bil-kwozjenti tal-granet sakemm ipperdura dak id-dritt tal-konvenuta. F'termini prattici, gjaldarba wkoll l-konvenuta kienet uzufruttwarja, il-konvenuta kellha jedd izzomm mill-kera mhallas (€3028.19) l-ammont ta' hames mija tnejn u ghoxrin euro, sebgha u sittin centezmu (€522.67). L-aritmetika ta' din is-somma hi mahduma hekk: €3028.19 ÷ 365 = €8.296 x 63 jum. Jinzel minn dan illi l-konvenuta hi tenuta tirrestitwixxi lill-attrici s-somma komplessiva netta ta' elfejn hames mija u hames euro u tnejn u hamsin centezmu (€2505.52).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell, tvarja s-sentenza appellata u tikkundanna lill-konvenuta tirrifondi lill-attrici l-ammont ta' elfejn hames mija u hames euro u

tnejn u hamsin centezmu (€2505.52) bl-imghax mid-data tas-sentenza ta’ l-ewwel Qorti. L-ispejjez ta’ din l-istanza jibqghu sopportabbli kwantu ghal kwarta parti (1/4) mill-attrici appellanti u tliet kwarti (3/4) mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------